



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

12985/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0221 (NLE)

ACP 118
FIN 645
PTOM 26

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-lżvilupp, inkluż it-tielet ħlas parzjali għall-2019

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta'...

**dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri
għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp,
inkluż it-tielet ħlas parzjali għall-2019**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea¹ (u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

¹ ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp¹ ("ir-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ"), u b'mod partikolari l-Artikolu 19(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1.

Billi:

- (1) Skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 19 tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ, sal-10 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta li tispjega (a) l-ammont tat-tielet ħlas parzjali tal-kontribuzzjoni għall-2019, u (b) ammont annwali rivedut tal-kontribuzzjoni għall-2019, f'każijiet fejn l-ammont ivarja mill-bżonnijiet reali.
- (2) Skont l-Artikolu 46 tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ, il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) bagħat lill-Kummissjoni l-estimi aġġornati tiegħu tal-impenji u tal-pagamenti fil-qafas tal-istrumenti taħt il-ġestjoni tiegħu.
- (3) L-Artikolu 20(1) tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ jipprevedi li s-sejthiet għal kontribuzzjonijiet l-ewwel jeżawrixxu l-ammonti stipulati fil-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ) preċedenti. Għaldaqstant, jenħtieġ li ssir sejħa għall-fondi taħt l-10 FEŻ għall-BEI u taħt il-11-il FEŻ għall-Kummissjoni.
- (4) Permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2018/1715¹, fit-12 ta' Novembru 2018, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, adotta d-Deċiżjoni biex l-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet tal-FEŻ tal-Istati Membri għall-2019 jiġi stabbilit għal EUR 4 400 000 000 għall-Kummissjoni, u EUR 300 000 000 għall-BEI,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1715 tat-12 ta' Novembru 2018 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jridu jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inklużi l-limitu massimu għall-2020, l-ammont annwali għall-2019, lewwel ħlas parzjali għall-2019 u tbassir indikattiv u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2021 u 2022 (ĠU L 286, 14.11.2018, p. 30).

Artikolu 1

Il-kontribuzzjonijiet individwali tal- FEŻ li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri lill-Kummissjoni u lill-BEI bħala t-tielet ħlas parzjali għall-2019 huma stabbiliti fit-tabella fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

STATI MEMBRI	Skema tal-10 FEŻ %	Skema tal-11-il FEŻ %	It-3et ħlas parzjali 2019 (f'EUR)		Total
			Kummissjoni Il-11-il FEŻ	BEI L-10 FEŻ	
IL-BELĠJU	3,53	3,24927	29 243 430,00	3 530 000,00	32 773 430,00
II-BULGARIJA	0,14	0,21853	1 966 770,00	140 000,00	2 106 770,00
IĊ-ĊEKJA	0,51	0,79745	7 177 050,00	510 000,00	7 687 050,00
ID-DANIMARKA	2,00	1,98045	17 824 050,00	2 000 000,00	19 824 050,00
IL-ĠERMANJA	20,50	20,57980	185 218 200,00	20 500 000,00	205 718 200,00
L-ESTONJA	0,05	0,08635	777 150,00	50 000,00	827 150,00
L-IRLANDA	0,91	0,94006	8 460 540,00	910 000,00	9 370 540,00
IL-GREĊJA	1,47	1,50735	13 566 150,00	1 470 000,00	15 036 150,00
SPANJA	7,85	7,93248	71 392 320,00	7 850 000,00	79 242 320,00
FRANZA	19,55	17,81269	160 314 210,00	19 550 000,00	179 864 210,00
IL-KROAZJA	0,00	0,22518	2 026 620,00	0,00	2 026 620,00
L-ITALJA	12,86	12,53009	112 770 810,00	12 860 000,00	125 630 810,00
ĊIPRU	0,09	0,11162	1 004 580,00	90 000,00	1 094 580,00
IL-LATVJA	0,07	0,11612	1 045 080,00	70 000,00	1 115 080,00
IL-LITWANJA	0,12	0,18077	1 626 930,00	120 000,00	1 746 930,00
IL-LUSSEMBURGU	0,27	0,25509	2 295 810,00	270 000,00	2 565 810,00
L-UNGERIJA	0,55	0,61456	5 531 040,00	550 000,00	6 081 040,00
MALTA	0,03	0,03801	342 090,00	30 000,00	372 090,00
IN-NETHERLANDS	4,85	4,77678	42 991 020,00	4 850 000,00	47 841 020,00
L-AWSTRIJA	2,41	2,39757	21 578 130,00	2 410 000,00	23 988 130,00
IL-POLONJA	1,30	2,00734	18 066 060,00	1 300 000,00	19 366 060,00
IL-PORTUGALL	1,15	1,19679	10 771 110,00	1 150 000,00	11 921 110,00
IR-RUMANIJA	0,37	0,71815	6 463 350,00	370 000,00	6 833 350,00
IS-SLOVENJA	0,18	0,22452	2 020 680,00	180 000,00	2 200 680,00
IS-SLOVAKKJA	0,21	0,37616	3 385 440,00	210 000,00	3 595 440,00
IL-FINLANDJA	1,47	1,50909	13 581 810,00	1 470 000,00	15 051 810,00
L-IŻVEZJA	2,74	2,93911	26 451 990,00	2 740 000,00	29 191 990,00
IR-RENJU UNIT	14,82	14,67862	132 107 580,00	14 820 000,00	146 927 580,00
TOTAL EU-28	100,00	100,00	900 000 000,00	100 000 000,00	1 000 000 000,00